/

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Lulju, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Josette (Josephine) Pisani, detentrici tal-karta tal-identità numru 196569M**

Kumpilazzjoni Nru. 699/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Josette (Josephine) Pisani u ċioè talli:

Nhar id-9 ta' Gunju, 2015 filghodu u/jew fil-granet u xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentement ghenet jew assistiet lill-awturi ta' serq ta' flus kontanti kif ukoll gojellerija ghad-detriment ta' persuna anzjana u cioe` Carmela Peden u/jew persuni ohra, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jiskorri l-€2,329.37, bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-persuna.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Lulju, 2017, l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-

akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serjissimi li qeghda tinstab htija fuqhom, l-ammissjoni taghha li bl-ebda mod ma jista jinghad li kienet xi wahda bikrija, il-fedina penali taghha u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz inkluz tar-rapport mhejji mill-Probation Officer.[1]

Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li r-reat twettaq fuq persuna anzjana li baqghet issofri konsegwenzi kemm fizici kif ukoll psikologici wara l-akkadut. Madanakollu l-imputata ma gietx akkuzata b'reati introdotti bl-Att XXXI tal-2014 li permezz tieghu gie introdott qafas legislattiv li l-ghan tieghu kien li kondotta simili, li jisthoqqilha biss stmerija u ghajb, tigi sanzjonata permezz ta' reati godda u pieni ferm aktar horox minn dawk ravvizati bir-reat li Pisani giet akkuzta bih.

Ghalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz, ikun aktar idoneju li jinhareg ordni ta' supervizjoni fejn, kemm il-darba l-imputata tonqos milli taderixxi ma dak l-ordni, mat-trattament li qed tigi ordnata tiehu, tonqos milli tobdi d-direttivi li minn zmien ghall-zmien jinghatawha jew ma ssegwihx l-ordni b'xi mod iehor li jkun, dan jista' jwassal sabiex il-Qorti titratta mal-imputata ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; f'liema kaz il-piena

[1] Dok. DF.

erogabbli tizboq bil-bosta il-piena massima ta' sentejn prigunerija li tista' tinghata kemm il-darba jigi applikat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Dan ir-riskju ghandu jkun ta' deterrent li jiddiswadiha minn trasgressjonijiet ohra il-quddiem, filwaqt li jincentivaha tirriforma ruha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 42(d), 43, 44, 45, 261(a)(b)(c)(d)(e), 262(1)(b), 264(1), 267, 268(a), 269(g), 275, 276A, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u b'applikazzjoni ta' l-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin b'obbligu li taghmel mitt (100) siegha servizz fil-komunita', dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni fuqha impost.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex tinghata l-ghajnuna psikologika li tista` tirrikjedi.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' hames mija wiehed u ghoxrin Euro u hamsa u sittin centezmu, (€521.65c) rapprezentanti spejjez peritali.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation u qieghed jigi rakkomandat li tigi assenjata bhala Probation Officer Deborah Farrugia.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**